MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 53/1998/1

S.B. Auto Centre Limited .

vs

Vincenza Theuma .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici, wara li ppremettiet :

Illi s-socjeta' attrici ghandha tiehu minghand il-konvenuta somma ta' sebat elef tlett mija u erbgha u disghin lira maltija u tnejn u tletin centezmu (Lm7,394.32c) dovuta lilha bi hlas ta' bilanc minn ammont akbar prezz ta' Jeep Cherokke 2.1TD numru tar-registrazzjoni BBG 713 skond ma jirrizulta mill-annessi 'hire purchase agreement' and rendikont, oltre l-imghax fuq dik is-somma b'effett mill-24 ta' Frar 1998 sad-data tal-effettiv pagament .

Illi l-kumpanija attrici trid tithallas l-ammont dovut minghand il-konvenuta ;

Illi dan id-debitu hu wiehed cert likwidu u dovut u sa fejn jaf l-attur nomine l-konvenuta ma ghandha ebda eccezzjoni xi tqajjem ghat-talba illi dan il-kreditu tal-attrici jithallas ;

Illi ghalkemm il-kumpanija attrici interpellat lill-konvenuta sabiex thallas l-ammont dovut, il-konvenuta baqghet inadempjenti .

Talbet lill-konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Taqta' u tiddecidi din il-kawza bid-dispensa mis-smiegh a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici u Organizzazzjoni u Procedura Civili ;
2. Tikkunnaha sabiex thallas lill-kumpanija attrici s-somma ta' sebat elef tlett mija u erbgha u disghin lira maltija u tnejn u tletin centezmu (Lm7394.32) dovuta lilha bi hlas ta' bilanc minn ammont akbar prezz ta' Jeep Cherokke 2.1 TD numru tar-Registrazzjoni BBG 713 skond ma jirrizulta mill-annessi 'hire purchase agreement' and rendikont, oltre imghax fuq dik is-somma b'effett mill-24 ta' Frar, 1998 sad-data tal-effettiv pagament .

Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra interpellatorja tad-9 ta' Settembru 1996 u tal-ittra ufficjali ta' Ottubru 1997 kontra tieghek .

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni, illi ghaliha minn issa debitament ingunta .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta' attrici kkonfermata bil-gurament ta' Raymond Bajada .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet :

1. Illi din il-kawza ghandha timxi bil-procedura normali peress illi hija ghandha eccezzjonijiet validi x'taghti kif ser jinghad .

2. Illi l-vettura tal-marka Jeep Cherokke 2.1 TD numru tar-registrazzjoni BBG 713 li kienet giet akkwistata permezz ta' "hire purchase agreement" mill-konvenuta kellha difett mohbi u sussegwentament zviluppat diversi hsarat kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza .

3. Illi rapprezentanti tas-socjeta' attrici meta bieghu l-vettura in kwistjoni qalu lill-konvenuta li din kellha erba' snin u fil-fatt wara rrizulta li kellha tnax-il sena .

4. Illi meta l-attrici avvicinat lir-rapprezentanti tas-socjeta' attrici dwar il-hsarat u dwar is-sena tal-manifattura tal-vettura dawn kienu accettaw li jibdlu din il-vettura ma' ohra u darba ohra wkoll li jnaqqsu mill-prezz originali tal-istess vettura .

5. Illi ghaldaqstant it-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi .

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuta mahlufa minn Vincenza Theuma .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esebiti .

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet tas-socjeta' attrici .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawza s-socjeta' attrici qed tirreklama minghand il-konvenuta l-hlas tal-bilanc tal-prezz ta' vettura tat-tip "Jeep Cherokee" dovuti in konnessjoni ma' ftehim ta' *hire purchase* maghmul maghha permezz ta' skrittura

ffirmata fl-1 ta' April 1996[1] . Il-konvenuta filwaqt illi ma jidhirx illi qed tikkontesta l-ammont bilancjali, li jirrizulta wkoll mir-rendikont esebit flimkien ma' c-citazzjoni,[2] topponi t-talba ghar-raguni illi allegatament kien hemm difetti mohbija f'din il-vettura, sew fil-kundizzjoni taghha kif ukoll fiz-zmien proprju li kellha l-istess vettura, li dwaru tghid li giet ingannata .

Is-socjeta' attrici fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghha ttenni illi l-azzjoni proposta minnha hija wahda kambjarja . Huwa minnu illi fil-kors tal-kawza gew esebiti sett ta' sitta u tletin (36) kambjala kollha ffirmati mill-konvenuta, in konnessjoni ma' dan il-ftehim[3] . Imma mkien fic-citazzjoni, la fil-premessi u lanqas fit-talbiet ma jissemmew dawn il-kambjali . Apparti dan, fl-azzjoni kambjarja irid jintalab biss il-hlas li jirrizulta mill-kambjali li jkunu mmaturaw sad-data tal-prezentata tac-citazzjoni , Imma fil-kaz prezenti s-socjeta' qed titlob l-ammont kollu dovut u mhux dak biss li jirrizulta mill-kambjali li kienu lahqu mmaturaw sa' s-27 ta' Frar 1998, tant li naraw illi mis-sitta u tletin kambjala li gew ipprezentati, tnejn u ghoxrin (22) biss kienu ghadhom mmaturaw, bl-ahhar wahda tkun dik ta' l-1 ta' Frar 1998 . Hija l-fehma tal-Qorti ghalhekk illi t-talba prezenti hija invece bbazzata fuq il-ftehim ta' *hire purchase* imsemmi . Dan il-ftehim jistipula illi kellhom isiru pagamenti ratejali mensili ta' ammont specifikat, u f'kaz illi ma jsirux zewg pagamenti konsekuttivi, s-socjeta' attrici jkollha d-dritt titlob f'daqqa l-ammont kollu bilancjali li jkun ghadu dovut u li tiehu lura l-vettura[4] . Jirrizulta, anke mill-istess kambjali esebiti illi l-konvenuta baqghet qatt ma hallset xejn mill-ammont dovut, apparti d-depozitu li kien sar ma' l-iffirmar tal-ftehim .

Ir-ragunijiet li gabet fil-kors tas-smiegh tal-kawza ghal dan in-nuqqas taghha, jirrigwardaw l-allegati difetti mohbija li bdew jirrizultaw f'din il-vettura . Tghid illi mill-ewwel kellhom isiru diversi tiswijiet f'din il-Jeep . Tikkontendi wkoll illi, ghalkemm id-dirigenti tas-socjeta' attrici qalulha li

[1] Ara RB. 1 a fol. 48 tal-process .
[2] ara Dok. C a fol. 5 .
[3] Dokti. RB. 2 sa RB. 13 a fol. 49 - 60 .
[4] ara paragrafu 7 tal-ftehim Dok. RB. 1 .

l-vettura in kwistjoni kellha erba’ snin, fil-fatt kien ilha tnax-il sena fuq it-triq . Imma kif tajjeb sostniet is-socjeta’ attrici fin-nota ta’ l-osservazzjonijiet taghha, ma huwiex lecitu ghall-konvenuta li tqajjem kwistjoni ta’ allegati difetti mohbija in linea ta’ eccezzjoni f’kawza ghall-pagament ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilha . Kellha kull dritt fit-termini stabiliti mil-ligi li titlob ir-restituzzjoni tal-prezz jew ir-riduzzjoni fil-valur permezz tal-*actio redhibitorja* jew l-*actio aestimatorja*. Imma sakemm giet ipprezentata din il-kawza, kwazi sentejn wara li sar dan in-negozju, dan baqghet qatt m’ghamlitu, minkejja illi kif xehdet hi u Emmanuel Cassar li kien qed juza l-Jeep, id-difetti bdew jidhru immedjatament li hadu pussess taghha . Kif kellhom diversi drabi okkazzjoni jtennu l-Qrati taghna f’dan ir-rigward, il-perijodu stabilit mil-ligi ghall-azzjoni ghar-rexizzjoni ta-bejgh jew ir-riduzzjoni tal-prezz (dakinhar fuq mobbli, bhal ma ghandna fi-kaz in ezami, kien ta’ sitt xhur), huwa terminu ta’ dekadenza u mhux ta’ preskrizzjoni . Konsegwentement meta d-dritt ghall-propozizzjoni ta’ dawk l-azzjonijiet ikun spicca bid-dekorrenza taz-zmien, ma jistghux mill-kumpratur jigu opposti *in via di eccezzione*[5] *.*

F’tali cirkostanzi l-konvenuta ma jista’ jkun ghad baqaghlha ebda gustifikazzjoni li ma thallasx dak li huwa dovut lis-socjeta’attrici a tenur tal-ftehim iffirmat minnha fl-1 ta’ Awissu 1996 .

Ghalhekk tiddecidi l-kawza, billi filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sebat elef tliet mija erbgha u disghin lira u tnejn u tletin centezmu (Lm7394.32) dovuti lilha bi hlas ta’ bilanc minn ammont akbar rapprezentanti l-prezz tal-vettura indikata fic-citazzjoni, inkluzi l-interessi sa l-24 ta’ Frar 1998 .

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra nterpellatorja tad-9 ta’ Settembru 1996 u ta’ l-ittra ufficjali ta’ Ottubru 1997, u bl-

[5] Camilleri vs Calascione : kollez. vol. XXXVIII. iii. 723 ; Von Hare vs Caruana : vol. XXII. iii. 79 ; Carmelo Cremona noe. vs Salvatore Farrugia : vol. L. ii. 16 .

imghaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv, kollox kontra l-konvenuta .

S5398Pc

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------